# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

---

Minuti tas-seduta numru tnejn u sittin (62) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 29 ta' Lulju, 2010, fit-6:00pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |
| | Dorianne Zammit | Uffiċċjal Eżekuttiv |

1. Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mil-Minuti**

3. Eddie Bonello rimarka li ltaqa mal-kennies u tkellem miegħu personalment rigward il-ħmieġ tal-klieb fir-raħal. Huwa ġibidlu l-attenzjoni sabiex jagħmel iżjed attenzjoni meta jkun għaddej b'xogħolu għaliex jidher li f'ċertu postijiet il-ħmieġ tal-klieb mhux jinġabar. Il-Kunsilliera iddiskutew wkoll il-problema ta' bosta ħmieġ li qed jkun hawn fil-*front garden* ta' plots vojta minħabba li *l-boundary wall* jkun irtirat u jħalli spazju fejn jintrema ħmieġ ma' ġenb il-bankina.

4. Rigward it-tinda li kellha titwaħħal fl-Iskola Primarja mil-ħaddiema tal-Kunsill is-Sindku qal li meta marru fuq il-post din ma setatx issir għaliex jkun hemm bżonn jitwaħħlu saqajn li jiġu fin-nofs tal-ground b'periklu għat-tfal. Għalhekk, flimkien mal-Kap ta' l-Iskola, kien hemm qbil li din it-tinda ma isirx.

5. Is-Sindku kkonferma li kellem lis-sid tal-ħanut Magnus Confectionery fi Triq Santa Marija. Sid il-ħanut huwa lest li jaqla l-pjanċa ta' quddiem il-bieb sabiex tinbidel u issir aktar pulita. Il-Kunsilliera qalbu li din issir għal spejjeż tal-Kunsill bil-kundizzjoni li l-Kunsill jirriserva d-dritt li jirriklama fuqha avviżi bħal dawk ta' *Neighbourhood Watch* u kera tal-ground tal-football. Il-Kunsilliera qablu li l-ħaddiema tal-Kunsill jaħdmu frame li jitwaħħal taħt il-bankina. Il-frame jingħalaq bit-tliet biċċiet perspex jew majka. Għal daqstant ser nitolbu kwotazzjoni għal dan il-materjal sabiex tintlaħaq deċiżjoni ta' kif din għanda issir.

**Korrispondenza**

6. Il-Kunsill irċieva e-mail minn għand resident fejn tgħid li hemm problema ta' parkeġġ f'Triq id-Dolmen. Dan ir-resident ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm sinjali sofor quddiem garaxxijiet li jestendu sa taħt il-bankina b'konsegwenza li jillimitaw il-parkeġġ tal-karozzi. Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li ssir spezzjoni fuq il-post u hekk hemm bżonn jitranġaw dawn is-sinjali.

7. Il-Kunsill irċieva ittra minn għand l-organizzatur tal-Festival tal-Ħobż f'Ħal Qormi fejn wera interess li jwaħħal banner għal din l-attivita f'xi triq ġewwa Ħal Safi. Il-Kunsilliera qablu li jingħata permess jitwaħħal dan il-banner f'Triq San Gwann faċċata ta' Triq il-Kuċċard.

8. Is-SE ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera rigward Memo 104/2010. Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali qiegħed javża li l-Kunsilli kolha li mhux ser jkunu ssotomettew ir-rapport finanzjarju li għalaq f'31 ta' Diċembru 2009 sa l-aħħar ta' Lulju ser jkunu qed jeħlu penali li tinqata mill-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Is-SE spjega għaliex il-Kunsill għadu ma lestiex dan ir-rapport b'mod partikolari id-diffikultajiet li kien hemm sabiex ġew irranġati l-kotba tal-Kunsill wara li kien tkeċċa is-Segretarju Eżekuttiv preċedenti. Il-Kunsilliera qablu li tintbagħat ittra lid-Direttur Ġenerali fejn tispjega ċ-ċirkostanzi tal-Kunsill sabiex nitolbu estensjoni ta' xahar fuq iż-żmien impost. Dan iż-żmien għandu jkun biżżejjed sabiex il-kotba tal-Kunsill jitlestew u jiġi finalizzat l-awditjar tas-sena finanzjarja li għalqet f'31 ta' Diċembru 2009.

9. Il-Kunsill irċieva l-allokazjoni finanzjarja sħiħa mill-MEPA rigward il-Proġett ta' Misraħ San Ġużepp.

10. Il-Kunsill irċieva ittra mil-MEPA li ġiet aċċettata l-applikazzjoni sabiex jitpoġġew il-balavostri fuq iz-zuntier tal-Knisja.

11. Il-Kunsill irċieva l-applikazzjoni ta' l-Anzjan tas-Sena. Il-Kunsilliera qablu li n-nominazzjoni tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**Diskussjoni fuq l-inawgurazzjoni tal-Proġett f'Misraħ San Ġużepp u l-Pannelli Fotovoltajiċi**

12. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jagħmel plakka kommemorattiva li titwaħħal f'Misraħ San Ġużepp u li tiġi mikxufa waqt l-inawgurazzjoni ta' dan il-post minn l-Onor. Chris Said. Is-Sindku qara l-iskrizzjoni tal-plakka u ġew issuġeriti xi korrezzjonijiet. Il-kunsilliera qablu li din titwaħħal fuq ġebla tal-qawwi ta' żewġ filati b'wiċċ li jiżżerżaq fuq filata u nofs. Is-Sindku ppropona wkoll u l-Kunsilliera qablu li jitpoġġew xitel f'Misraħ San Ġużepp sabiex isebbħu l-ambjent. Il-Kunsilliera qablu wkoll li dawn jitpoġġew filgħodu ta' jum l-inawgurazjoni sabiex nevitaw il-possibbilta li dawn jinsterqu bil-lejl.

**Ħwejjeġ oħra**

13. Is-Sindku ippreżenta l-abbozz tal-iskrittura privata rigward il-kirja ta' l-uffiċju Reġjonali Nofsinhar Malta fil-Bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi.

14. Il-Kunsilliera ddiskutew l-Festival Letterarju li itella mill-Kunsill flimkien ma' l-Akkademja tal-Malta kif wkoll ma' VersAghtini Il-Kelma Maltija (IKM) il-bieraħ nhar l-Erbgħa 28 ta' Lulju, 2010 fis-7:00pm. Ilkoll qablu li kien hawn parteċipazzjoni tajba. Jerome Busuttil fakkar lis-SE sabiex f'attivitajiet bħal dawn jitwaħħal il-banner tal-Kunsill.

15. Eddie Bonello rimarka li l-WSC ġew jirranġaw l-ilma li kien ħiereġ minn Triq tar-Rqajja. Dawn sewwew kanna waħda u ħallew oħra bl-ilma ħiereġ.

16. Eddie Bonello rimarka li f'Triq il-Karwija hemm crash barriers tal-plastik biex jiddevjaw it-traffiku. Dawn għandhom jintlew bl-ilma sabiex jkunu iżjed sodi u jitniżżlu ftit aktar l-isfel.

17. Eddie Bonelleo rimarka li f'Bieb il-Ġarra hemm bżonn issir forma ta' trafic police sabiex jitrażżan it-traffiku li jibqa għaddej b'veloċita eċċessiva.

18. Is-Sindku ippreżenta kwotazzjoni ta' 230 Ewro sabiex jirranġa ċ-ċint f'Triq Dun Karm Lija. Il-Kunsilliera approvaw din il-kwotazzjoni.

19. Is-Sindku ppreżenta l-kontijiet tal-Kuntrattur ta' Misraħ San Ġużepp. Huwa rimarka li hemm diskrepanza minima bejn il-kejl tal-perit u l-kejl tal-kuntrattur. Il-Kunsilliera qablu li jitħallas il-kont skond il-kejl tal-Perit tal-Kunsill.

20. **Il-Payment Approval** Sheet No. 54 ġiet approvata.

21. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 12 ta' Awissu, 2010.

22. Il-laqgħa ntemmet fid-9:30pm.

Approvati llum 12/08/2010

Sindku Segretarju Eżekuttiv